**10 ta' Ottubru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

William Walker

*versus*

Emilia Theuma et

**Serviġi — Amministrazzjoni — Likwidazzjoni — Preskrizzjoni — Art. 2238, 2254(d) Kodiċi Ċivili.**

*Ir-rikonfizzjoni tad-dejn tinterrompi l-preskrizzjoni għar-rigward ta' serviġi prestati.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u meħudin il-provvedimenti opportuni; peress li l-attur irrenda diversi serviġi lil Lewis Ellul fl-aħħar disa' snin u kien iżommlu kamra bi ħwejġu attrizzata għall-użu tiegħu biss; u peress li kien jamministralu l-patrimonju tiegħu li huwa kellu f'Malta għall-istess perijodu ta' żmien — talab li għar-raġunijiet premessi u dawk li jirriżultaw (1) jiġi likwidat minn din il-Qorti jekk hemm bżonn bl-opera

ta' periti nominandi, daka li huwa dovut lill-attur għas-serviġi msemmija u amministrazzjoni (2) u konsegwentement il-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-istess attur dik is-somma hekk likwidata; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali *tal-15 ta' Ottubru, 1962;*

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta nomine li biha tgħid illi kwalunkwe serviġi u amministrazzjonijiet tal-*volta prestati iżjed minn ħames snin ilu huma preskritti a ter*minu tal-artikolu 2261 tal-Kodiċi Ċivili illi għal xi prestazzjonijiet u serviġi resi fl-aħħar ħames snin il-konvenuta nomine ma tafx biżżejjed dwarhom u għalhekk irriservat li tagħti l-eċċezzjonijiet tagħha wara li jkunu instemgħu l-provi.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenuti, ma tirriżultax fondata:

1) Ġie pruvat li l-attur daħal fl-amministrazzjoni tal-beni ta' Lewis Ellul, li kellu Malta, wara li spiċċa Dr. Tommaso Fenech, iġifieri fil-21 ta' Jannar, 1954, meta, ċioè, Dr. Fenech ikkonsenjalu l-effetti kollha tal-amministrazzjoni. Minn dak iż-żmien *Lewis Ellul ġie Malta tliet darbiet, ċioè f'Settembru* 1955, f'April, 1959, u f'April, 1962, u dam ħaj sas-16 ta' Settembru, 1962.

2) Irriżulta li l-attur kull darba li kien ikollu xi diskors mad-decujus fuq ix-xogħol li kien jagħmillu, dana kien iwieġbu: "Jiena meta niġi Malta lilek infittex, u naħseb fik talli qiegħed tagħmel". (fol. 13 u 20). Dana d-diskors, skond l-istess

xhieda tal-attur, kien jiġi ripetut diversi drabi, però, l-aħħar li ġie Malta, Lewis Ellul, ma semma xejn lill-attur. Għalhekk l-aħħar rikonoxximent tal-kumpens dovut minn Lewis Ellul lill-attur kien fil-perijodu bejn April, 1959 u Ġunju, 1960; dina r-rikonjizzjoni tad-dejn interrompiet il-kors tal-preskrizzjoni għar-rigward tas-serviġi prestati mill-attur minn Jannar, 1954 sa Ġunju, 1960 (art. 2238 Kod. Ċiv.). Għalhekk mhux il-każ li dina l-Qorti tindaga l-attendibilità o meno tal-imsemmi dikjarazzjoni tal-attur, la darba ebda prova kuntrarja ma saret. Del resto l-versjoni tal-attur dwar il-promessa ta' kumpens tidher suffragata miċ-ċirkostanza li d-decujus qatt ma ta xejn lill-attur għal dak li kien qiegħed jagħmillu, allavolja kellu mnejn u li l-attur kien qiegħed jilqgħu f'daru appuntu in vista ta' dan l-atteġġjament rikonoxxenti ta' Lewis Ellul, bl-isperanza, anki, li bħala kuġin iħallilu xi ħaġa.

Li anqas ma huwa l-każ li tiġi diskussa l-kwistjoni, jekk ċioè, il-prestazzjonijiet dwar l-amministrazzjoni miżmuma mill-attur, minn Ġunju, 1960, san-notifika tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ottubru, 1962 humiex preskritti in forza tal-artikolu 2254(d) tal-Kodiċi Ċivili; qabel xejn għaliex il-konvenuti ma ssollevawx dina l-eċċezzjoni u sekondarjament għaliex għall-fini tat-talba l-kumpens dovut għal dina l-amministrazzjoni għandu jitqies bħala li jifforma "quid unum" mal-kumpens għas-serviġi pretiżi mill-attur, u l-azzjoni relativa hija preskritta bl-egħluq ta' ħames snin.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu irriżulta li l-attur b'ittra tat-18 ta' Settembru, 1953, mibgħuta minn Lewis Ellul lil Dr Tommaso Fenech,

kien ġie inkarigat konġuntament mal-istess Dr Fenech biex jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-beni tiegħu f'Malta. L-attur indaħal effettivament f'dina l-amministrazzjoni fil-21 ta' Jannar, 1954, skond kif jidher mid-dokument a fol. 24 tal-proċess.

Li, barra minn dawn is-serviġi konnessi mal-amministrazzjoni tal-beni, l-attur kien ippresta serviġi ta' natura diversa lid-decujus, kull darba li dana kien jiġi Malta, u ċioè għall-perijodi: minn Settembru, 1955 sa Mejju 1956; minn April 1959 sa Ġunju, 1960; minn April, 1962 sas-16 ta' Settembru, 1962.

Li s-serviġi prestati mill-attur lil Lewis Ellul f'dawna l-perijodi kien jikkonsistu filli l-attur kien jeħodlu ħsieb ta' ħwejġu, u jagħmillu l-faċendi kollha li kien ikollu bżonn. Barra milli kien ikollu riservat għalih kamra fid-dar tal-attur u meta kien jiġi Malta kien juża flimkien mal-imsemmija kamra fuq barra l-bitħa, u l-kamra l-oħra żgħira wara l-bitħa, li kienet tista' sservi wkoll bħala W.C.

Ikkunsidrat:

Li l-attur ma speċifikax f'hiex kien jikkonsisti l-qadi li huwa u l-familja tiegħu kienu jagħmlu lill-konvenut; però, skond kif esprima ruħu l-attur wieħed għandu jifhem li kienu jkunu serviġi ta' natura ordinarja li ġeneralment jikkonsistu f'xi faċendi tad-dar, ħasil ta' ħwejjeġ u xi faċendi oħra li ġeneralment ikunu meħtieġa, trattandosi ta' persuna anzjana li mdorrija tgħix barra minn Malta. Dina l-Qorti, qegħda tillikwida l-kumpens għall-imsemmija serviġi fuq il-bażi ta' tmien liri (£8) fix-xahar. Irriżulta li b'kollox Lewis Ellul irrisjeda hawn Malta fid-dar tal-attur għall-perijodu ta' sebgħa u għoxrin (27) xahar, u għalhekk l-attur għal dana l-perijodu għandu jieħu għas-serviġi fuq indikati, is-somma komplessiva ta' mi-

tejn u sittax-il lira (£216).

Ikkunsidrat:

Li fl-imsemmija serviġi mhumiex inklużi dawk relativi għall-amministrazzjoni tal-beni lokali tad-decujus. Mix-xhieda tal-attur irriżulta, li l-amministrazzjoni tal-beni ta' Lewis Ellul kienet tikkonsisti fil-valur ta' kirjiet fl-ammonti ta' £83 fis-sena. Kien jeħodlu ħsieb il-manutenzjoni tal-fondi, u kien ikollu wkoll xi korrispondenza miegħu dwar dina l-amministrazzjoni. Ma jirriżultax xi spejjeż għamel l-attur in konnessjoni ma dina l-amministrazzjoni; u għalhekk il-presunzjoni hija li kienet attiva.

Li hija pratika segwita minn dawna t-tribunali li l-kumpens għas-serviġi dwar amministrazzjoni bħal dik in kwistjoni jiġi kalkolat fuq il-bażi tal-erbgħa fil-mija (4%), fuq l-aqwa somma bejn l-introjti u l-eżiti. Irriżulta li l-attur dam jamministra l-beni tad-decujus mill-21 ta' Jannar, 1954 sakemm ġie nieqes, iġifieri sas-16 ta' Settembru, 1962. L-import tal-kirjiet spettanti lid-decujus kien ikun ta' £83 fis-sena, u għalhekk bħala attiv ta' dina l-amministrazzjoni l-attur kien idaħħal għall-perijodu ta' tmien snin u tmien xhur, li dam jamministra, is-somma komplessiva ta' £720. Ma rriżulta ebda passiv għaliex l-attur iddikjara li mhux fil-pożizzjoni li jagħti dettalji tal-ispejjeż li għamel; u għalhekk "arbitrio boni viri" dina l-Qorti tistabilixxi r-rata tal-passiv għal għaxra fil-mija (10%) fuq is-somma tal-attiv fuq speċifikata, li jġib l-import ta' £72. Dana l-passiv ġie determinat biex jagħti idea tal-entità tasserviġi inerenti għal dina l-amministrazzjoni, però, ma jinfluixxi xejn fuq l-import tal-kumpens dovut lill-attur għal dina l-amministrazzjoni, għaliex il-kriterju adottat mill-Qorti ġie fuq stabilit fis-sens li għandu jittieħed biss in konsiderazzjoni l-import tal-attiv jekk dana jissupera dak tal-passiv. Għalhekk l-attur bħala retribuzzjoni għal dina l-amministraz-

zjoni jiġi għandu jieħu s-somma ta' £28.16.0d.

Ikkunsidrat:

Li tibqa' l-kwistjoni dwar l-ambjenti li l-attur kien jissiserva għall-abitazzjoni tad-decujus tant meta kien ikun Malta kif ukoll meta kien ikun imsiefer u dana għal perijodu ta' sebgħa u għoxrin xahar komplessivament.

Li irriżulta mix-xhieda ta' Alfred Farrugia u ta' Victor Flores li dawna riedu jikru mingħand l-attur dina l-kamra, l-ewwel wieħed biex jadibiha bħala bazaar, li kien pront iħallas £1 fil-ġimgħa; u t-tieni wieħed riedha għal ħabib tiegħu, biex jiftaħ Woman's Hairdresser, u kien pront iħallas £6 fix-xahar. Irriżulta minn dawna x-xhieda li l-attur ma riedx jikrihilhom għaliex dina l-kamra kien fiha l-effetti ta' kuġin tiegħu u kienet riservata għalih.

Li, irriżulta li l-fond abitat mill-attur kien għandu b'ċens, u għalhekk ma kien ikollu ebda ostakolu legali għall-kiri tal-imsemmija kamra biex tiġi użata bħala ħanut.

Li taħt dawna ċ-ċirkostanzi u meħuda in konsiderazzjoni l-entità tal-patrimonju tad-decujus, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-attur għandu jiġi rikompensat anki għal dina l-partita, li tifforma parti integrali tan-natura komplessa tas-serviġi prestali lid-decujus, fiż-żmien ta' penurja ta' djar għall-kiri, dina x-xorta ta' servizz, jista' jingħad li kienet tipprimeġġa fuq l-oħrajn, in kwantu mingħajr dina l-kamra d-decujus kien ikun kostrett jew ma jiġi xejn Malta, jew ifittex kull darba post ammobilit jew lukanda, fejn l-ispejjeż żgur ma kienux ikunu insinjifikanti.

Li, irriżulta, però, li l-attur kellu okkażjoni jikri l-imsemmija kamra xi tliet snin qabel ma miet id-decujus, u għalhekk

dina l-Qorti, jidhrilha li jkun ekwu li l-attur ikun indennizzat ghat-telf tal-imsemmija kirja, kif ukoll ghall-kera tal-okkupazzjoni tal-kamra meta d-decujus kien jiġi Malta, — billi tistabilixxi perijodu ta' tliet snin, li ghalih l-attur ghandu jiġi kumpensat fuq il-bażi ta' sitt liri (£6) fix-xahar; u ghalhekk b'kollox ghandu jiġi akkreditat kontra l-assi tad-decujus, bis-somma ta' mitejn u sittax-il lira (£216).

Ghal dawna l-motivi, tiddeċiedi billi tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur bhala kumpens tasserviġi minnu prestati lil Lewis Ellul is-somma komplessiva ta' erba' mija u sittin lira u sittax-il xelin (£460.16.0d).

L-ispejjeż ihallsuhom il-konvenuti.